**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 153/22 AL

A B

vs

C D

(MR Numru 1310/1983)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-esponent zzewweg lill-intimata nhar 16 ta' Lulju 1983 (vide kopja tac-certifikat anness u mmarkat bhala Dok A).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Robert Micallef datat 2 ta' Settembru 2016 (vide kopja tal kuntratt anness u mmarkat bhala Dok B).

3. Illi ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet.

4. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awissu 2015 (vide klawsola 18 tal-kuntratt ta' separazzjoni Dok B) u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet anki peress li jghixu hajja separata (vide 1 Affidavit tar-rikorrenti anness u mmarkat bhala Dok C).

5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji riskjesti mil-ligi ghall-hall taz zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mall-intimata C D hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' April 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma pprezentatx risposta.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Settembru 2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.